Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,190, 25 ta' Jannar, 2002
Taqsima B

A.L. 17 ta' l-2002

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2002 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2002 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - ippubblikati bħala Avviż Legali 137 ta' l-1998, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2002 jew wara.

Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. Is-suġġetti mgħallma fil-Kors Finali għandhom ikunu dawn li ġejjin:

L-Ewwel Sena

Il-Patoloġija
Il-Mediċina
Il-Farmakoloġija Klinika
Il-Kirurġija (li tinkludi l-Ortopedika)
Il-Mediċina tal-Familja

It-Tieni Sena

Il-Patoloġija
Il-Mediċina
Il-Farmakoloġija Klinika
Il-Kirurġija (li tinkludi l-Ortopedika)
L-Ostetriċja u l-Ġinekoloġija
Il-Pedjatrija
Is-Saħħa Pubblika
Id-Dermatoloġija
L-Oftalmoloġija
ENT
L-Anestesija
Il-Mediċina Forensika
Il-Mediċina tal-Familja

It-Tielet Sena

Il-Mediċina (li tinkludi l-Pedjatrija)
Il-Kirurġija (li tinkludi l-Ortopedika)
L-Ostetriċja u l-Ġinekoloġija
Il-Psikjatrija
Il-Mediċina tal-Familja."

Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (b) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) fil-Kors Finali:

fi tmiem l-Ewwel Sena f' :

Il-Patoloġija
Il-Mediċina
Il-Farmakoloġija Klinika
Il-Kirurġija

fi tmiem it-Tieni Sena f' :

Il-Mediċina (li tinkludi n-Newroloġija)
Il-Farmakoloġija Klinika
Il-Kirurġija (li tinkludi l-Ortopedika)
L-Ostetriċja u l-Ġinekoloġija."

Emenda għar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"13. (1) Matul il-Kors Finali, Testijiet tas-Suġġett għandhom isiru fis-suġġetti li ġejjin:

Is-Saħħa Pubblika	Id-Dermatoloġija
Il-Mediċina Forensika	L-Oftalmoloġija
Il-Pedjatrija	ENT
Il-Psikjatrija	L-Anestesija.

Test tas-Suġġett fil-Mediċina tal-Familja għandu jsir matul it-tielet sena tal-Kors Finali."